**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 99/2011JVC**

**Francis u martu Maria Assunta konjugi Vella f'isimhom propju u bhala legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Paola Marie Vella; Dorielle Vella u Abigail Vella**

**Vs**

**Rena mart Charles Busuttil;**
**U b'digriet tal-Qorti tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) ġiet nominata Dottor Angele Formosa bħala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lil imsiefer Louis Camilleri u b'digriet tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) ġiet nominata Dottor Angele Formosa bħala kuratur deputat għall-imsiefra Belinja sive Benigna Xerri.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

1. Illi l-esponenti u zewgha Francis Vella, flimkien mat-tliet uliedhom Dorielle, Abigail u Paola Marie ahwa Vella pprestaw servigi, kuri u assistenzi lil Josephine Camilleri u dan ghal diversi snin wara talba tal-istess Josephine Camilleri;

2. Illi l-imsemmija Josephine Camilleri mietet intestata nhar il-25 ta' Settembru 2007 u ghaldaqstant wirtuha fi kwoti ndaqs skont il-ligi l-erba' hutha u cioe' Maria Assunta Vella, Belinja sive Benigna Xerri, Rena Busuttil u Louis Camilleri;

3. Illi nonostanti diversi promessi da parti tad-decuius li l-esponenti u l-familja taghha kienu ser jigu kkumpensati tal-kuri u l-assistenzi li kienu qed jirrendulha u dan partikolarment waqt il-marda taghha, huma baqghu qatt ma gew kkumpensati;

4. Illi l-esponenti u l-familja taghha jhossu li ghandhom jigu kkumpensati ghal dawn is-servigi, kuri u assistenzi li taw lid-decuius Josephine Camilleri;

5. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex huma jigu kkumpensati, huma baqghu nadempjenti;

6. Illi kien ghalhekk li l-esponenti ma kellhom l-ebda ghazla ohra hlief li jintavolaw l-istanti procedura.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi rrendew servigi, kuri u assistenzi lil Josephine Camilleri ghal diversi snin qabel il-mewt taghha;

2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, dik is-somma li jidrilha gusta bhala kumpens ghall-kuri u assistenzi resi mill-atturi lid-decuius Josephine Camilleri;

3. Konsegwendo tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, bl-imghax legali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li minn issa qeghdin jigu mharrka.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dottor Angele Formosa bhala kuratur deputat ghall-imsiefra Louis Camilleri u Belinja sive Benigna Xerri li ddikjarat li taf dawn il-fatti minn dak li qalulha l-konvenuti Louis Camilleri u Belinja Xerri fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi sa fejn jafu l-esponenti l-atturi jew min minnhom qatt ma rrendew servigi bl-iskop li jithallsu u fi kwalunkwe kaz jekk xi

darba ghamlu xi haga m'ohthom Josephine Camilleri dan diga' thallsu tieghu;

2. Illi sabiex jottempraw ruhhom mal-Artiklu 158 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenuta noe tiddikjara u tgħid:

3. Illi l-ewwel premessa qed tigi kkontestata u dan in kwantu ghaz-zmien li qed jghidu li fih irrendew servigi l-atturi u ghall-fatt li dawn saru fuq talba ta' Josephine Camilleri u bil-hsieb li jsir hlas;

4. Illi t-tieni premessa hija korretta;

5. Illi t-tielet premessa qed tigi kkontestata stante illi l-atturi diga' thallsu ta' dak li ghamlu ma' Josephine Camilleri matul hajjitha;

6. Illi r-raba' premessa qed tigi kkontestata stante illi s-servigi li setghu ghamlu ghadhom sal-lum qatt ma gew kwalifikati minnhom jew min minnhom u minkejja li l-atturi gew mitluba jikkwalifikaw dak li qed jippretendu anke permezz tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata Dok AF1, huma baqghu nadempjenti;

7. Illi l-hames premessa hija kkontestata in kwantu illi, u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta l-konvenuti gew interpellati jhallsu, l-atturi verbalment talbu somma ezorbitanti;

8. Illi s-sitt premessa hija kkontestata ghaliex kienu l-konvenuti illi qatt ma ccaraw x'riedu u t'hiex u minflok m'ghamlu dan l-ezercizzju semplici ntavolaw il-kawza odjerna;

9. Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali hawn annessa bhala Dok AF1, kollha kontrihom.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri ta' Dottor Angele Formosa ghannom tal-konvenuti Lewis Camilleri u Belinja Xerri ai termini tal-Artikolu 158(11) tal-Kap.12 fejn eċċepiet:

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti u dana peress illi t-talbiet taghhom huma preskritti skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Rena mart Charles Busuttil li eccepiet:

1. In linea preliminari, ma gietx ppruvata r-rapprezentanza legittima ta' Paola Marie Vella a favur l-atturi rikorrenti Francis u Maria Assunta konjugi Vella;

2. Li t-talbiet maghmula mir-rikorrenti atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti u dana stante:

i. Illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

ii. Illi t-talbiet huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, f'kaz li tigi milqugha l-ewwel talba tar-rikorrenti atturi, ghandhom jigu ppruvati l-allegati s-servizzi rezi mir-rikorrenti atturi a favur id-decuius Josephine Camilleri, kif ukoll il-valur ta' dawn l-istess servizzi.

4. Illi ulterjorment, ai fini tal-kap ta' spejjez, jigi eccepit ukoll illi kienu qieghdin isiru diskussjonijiet sabiex il-partijiet jesploraw ta' tranzazzjoni, izda r-rikorrenti atturi intavolaw dawn il-proceduri intempestivament.

5. B'riserva ta' eccezzjonijiet li jistghu jingiebu skont il-ligi.

Rat kelma b'kelma x-xhieda, affidavits, dokumenti u l-atti pjuttost voluminuzi esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Jannar, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet kollha fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li rrizultaw lil din il-Qorti mill-atti huma kif isegwu:

1. Illi l-partijiet li huma lkoll ahwa kellhom ohthom Josephine Camilleri li kienet xebba. Fis-sena 2004 Josephine Camilleri saret taf li kellha kancer f'sidirha u bdiet sessjonijiet ta' terapija f'Malta. Jirrizulta mill-atti li dawn is-sessjonijiet bhala numru kienu madwar erbgha. Jirrizulta mill-atti wkoll li zgur f'zewg sessjonijiet minnhom hija kienet akkumpanjata mill-atturi Malta u konsegwentement marret fid-dar taghhom ghal zmien ta' madwar ghaxart ijiem sakemm tirkupra mit-terapija. Fid-darbtejn l-ohra giet ukoll akkumpanjata sa certu punt mill-atturi izda qattet xi lejl jew tnejn ghand ohtha Malta l-konvenuta Rena Busuttil u wara skont l-atturi hija xorta kienet tmur ghandhom tkompli tirkupra ghall-bqija tal-ghaxart ijiem li kien ikollha bzonn. Kienu l-atturi li jwassluha ghat-terapija jew f'xi okkazzjoni gabruha mic-Cirkewwa wara li wasslitha Rena Busuttil sac-Cirkewwa – ghalkemm hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk din l-okkazzjoni sehhitx jew le;

2. Jirrizulta li t-terapija sa dak il-mument kienet irnexxiet u Josephine Camilleri marret lura ghax-xoghol taghha li kien bhala surgent tal-Pulizija gewwa Ghawdex stess filwaqt li kienet tirrisjedi fid-dar taghha;

3. Illi rrizulta wkoll li fis-sena 2003 Josephine Camilleri kienet hadet decizjoni li twaqqa' proprjeta' taghha gewwa Nadur sabiex tibniha appartamenti. L-atturi jsostnu li meta fis-sena 2014 Josephine Camilleri kienet saret taf li ghandha l-kancer, l-attur Francis Vella kien beda jiehu hsieb hu ix-xoghlijiet flok l-istess Josephine Camilleri. Dan jikkonfermah ukoll il-bennej inkarigat li kkonferma li f'mument minnhom huwa giet dirett sabiex jibda jitkellem ma' Francis Vella;

4. Illi lejn l-ahhar tas-sena 2006 Josephine Camilleri regghet saret taf li l-kancer kien infirex u li kellha bzonn terga' tiehu t-terapija. Fil-fatt waqfet mix-xoghol u qatt ma rritornat lura sal-mewt taghha f'Settembru, 2007;

5. Illi rrizulta mill-atti li fl-ahhar xhur tas-sena 2006 kienu l-atturi li regghu bdew iwasslu lil Josephine Camilleri Malta fl-isptar Boffa ghat-terapija, bil-vettura taghha stess u li kienu jiehdu hsiebha kull meta ma kinitx tkun f'kundizzjoni li toqghod waheda d-dar. Dawn kienu jinvolvu numru ta' granet mhux hazin ghalkemm kien hemm zminijiet li hija kienet tmur lura d-dar u l-atturi kienu huma stess jew uliedhom iqattghu hin twil maghha fid-dar taghha. Meta Josephine Camilleri kienet tkun fid-dar taghhom hija kellha s-sodda taghha u kien ghamlu speci ta' 'time-table' sabiex hija fl-ebda mument ma tithalla waheda. L-attrici Maria Vella ressqet provi li minhabba dawn ic-cirkustanzi hija rrifjutat speci ta' 'promozzjoni' fuq ix-xoghol minhabba li dan kien ser ikun ta' aktar responsabbilta' u fic-cirkustanzi li kienet dak iz-zmien u cioe' li kienet qed tiehu hsieb lil ohtha hija hasset li ma setghetx tidhol ghal dik ir-responsabbilta'. L-attur sostna wkoll li huwa tilef xoghol 'part-time' li kien jaghmel minhabba dawn ic-cirkustanzi li l-kura ta' Josephine Camilleri kienet qed tiehu l-prijorita' fuq il-hin tal-familja b'mod partikolari ta' Francis Vella u martu Maria Vella;

6. Illi rrizulta wkoll lil din il-Qorti li kien hemm perjodu ta' madwar tmien gimghat f'Jannar, 2007 li Josephine Camilleri ghalkemm kienet qed tiehu t-terapija, il-kura taghha kienet principalment qed issir minn ohtha l-konvenuta Belinja Xerri stante li kienet giet mis-safar apposta. Il-vjaggi lejn Malta ghat-terapija xorta wahda kienu jsiru mill-atturi bil-vettura ta' Josephine Camilleri. Kien hemm ukoll perjodu ta' tliet gimghat li kien gie jzura l-konvenut l-iehor Louis Camilleri izda dan ma kienx jirrisjedi ma' ohtu u kien jillimita ruhu li jmur izurha;

7. Illi rrizulta wkoll li Mary Camilleri, mart Louis Camilleri kienet tqatta hafna hin ma' Josephine Camilleri izda dan kien billi toqghod maghha biss, spiss anki fid-dar tal-istess atturi filwaqt li qattet hafna hin maghha fl-ahhar tliet gimghat ta' hajjitha meta kienet l-isptar sabiex l-atturi u l-konvenuta Rena Busuttil ikunu jistghu jkomplu bix-xoghol. F'dan l-ahhar perjodu ta' tliet gimghat, fl-ewwel sebat ijiem kienu l-atturi li raqdu ma' Josephine Camilleri l-isptar izda mbaghad saret speci ta' 'time-table' biex jorqdu lejl kull wiehed bejn il-konjugi Vella, Mary Camilleri u l-konvenuta Rena Busuttil;

8. Illi da parti tal-konvenuta Rena Busuttil rrizulta li fit-tieni darba li ohtha giet djanjostikata bil-kancer hija talbet permess mill-impjieg taghha mal-Bank sabiex taghmel aktar sieghat xoghol fost il-gimgha biex

fil-'week-end' hija titla' Ghawdex u tkun tista' tiehu hsieb lil ohtha. Jirrizulta li kien hemm numru ta' 'week-ends' li fil-fatt sehh dan l-arrangament lejn l-ahhar tas-sena 2006 u fl-2007. Il-partijiet ma jaqblux dwar kemm-il darba dan sehh. Il-konvenuta kienet ukoll tattendi s-sessjonijiet kollha ta' terapija ma' ohtha billi kienu jghaddu ghaliha l-atturi u l-istes Josephine Camilleri fuq ix-xoghol Malta, tmur maghhom, mbaghad iwassluha d-dar;

9. Illi rrizulta li fost is-servigi li kienu jipprestaw Francis u Maria Vella lil Josephine Camilleri tul iz-zmien li hija kienet taht kura u sal-mewt apparti l-hafna hin mqatta' maghha sabiex ma tkunx wahedha u li jnewlulha dak li jkollha bzonn, l-attrici Maria Vella kienet issajrilha, tahslilha hwejjigha u kien hemm okkazzjonijiet zghar fejn ghenet lill-ohtha tinhasel. Kienu wkoll jiehdu hsieb li tigi n-nurse biex tiehu l-kampjuni tad-demm, icemplu t-tabib kull meta jkun hemm bzonn u jaraw li din titwassal ghall-appuntamenti li kien ikollha jew f'kaz li jkollha bzonn tmur l-isptar jekk mhux bl-ambulanza jwassluha huma stess. Kienu jipprovdu wkoll l-ikel kull meta kienet tkun l-isptar. Fiz-zmien li kienet tkun qed tirkupra mit-terapija u kienet tkun tghix maghhom riedu joqoghdu ferm attenti li hija ma xxomx ikel ghax kien idejjaqha. Hija kienet torqod f'sodda fl-istess kamra ma' wahda minn ulied l-atturi. Meta kienet tkun f'kundizzjoni naqra ahjar kienu anki johorguha dawra bil-karozza Dan kollu sar b'sagrificcju kbir da parti tal-atturi li naqqsu ferm mill-hin liberu taghhom u mill-hin taghhom mal-familja.

10. Bhala hlas l-attrici *ex admissis* tikkonferma li xi kultant qisu darba fix-xahar Josephine Camilleri kienet tmur taghmel xirja hi, ssostni izda li fil-bqija qatt ma thallsu xejn ta' dak li kienu jaghmlu ma' Josephine Camilleri. Dwar l-intenzjoni taghhom wara l-kura li kienu qed jipprestaw lil Josephine Camilleri l-atturi jsostnu li darba minnhom l-istess Josephine Camilleri accennat li l-'penthouse' tal-blokka li kienet qed tibni hi kienet ghat-tfal ghalkemm ma harigx car jekk Josephine Camilleri kinitx qed tirreferi ghat-tfal tal-atturi biss jew ghat-tfal tal-partijiet kollha u jekk kinitx qed tirreferi ghall-blokka tal-appartamenti kollha. Tressqu izda xhieda, hbieb konfidanti ta' Josephine Camilleri li kkonfermaw li din tal-ahhar kienet tesprimi ruhha maghhom fis-sens li kienu qed jaghmlu hafna maghha l-atturi u li ma kinitx taf kif ser thallashom lura.

11. Da parti taghhom il-konvenuti jsosntu li wara l-mewt ta' Josephine Camilleri l-ahwa kollha wirtu lill-istess ndaqs ghaliex mietet intestata. Jistaqsu ghalhekk u fl-ewwel lok ghalfejn Josephine Camilleri ma ghamiltx testment biex tirrikonoxxi dak li sar maghha mill-atturi. Il-Qorti izda vverifikat mill-atti li ghalkemm kien hemm familjari ta' Josephine Camilleri li kienu jafu li t-tieni darba l-kancer kien wiehed terminali, il-probabbilta' kienet li Josephine Camilleri stess ma gietx infurmata b'din id-djanjosi estrema u fi kwalunkwe kaz hija kienet dejjem ottimista li ser tiggieled din il-marda. Il-fatt li rnexxielha l-ewwel darba seta jkun li assoda aktar din il-konvinzjoni f'mohh Josephine Camilleri. Il-konvenuti jsostnu wkoll li huma rrendew servigi lill-ohthom kif gia accennatminn din il-Qorti aktar il-fuq u ghalhekk ohthom ma ghamiltx testment u thallew jirtu kollha l-istess. Isostnu wkoll li ohthom kienet hallset lill-atturi waqt hajjitha izda ghajr ghal DVD player ma tressqet l-ebda prova ohra dwar dan l-allegat hlas.

12. Irrizulta li wara l-mewt ta' Josephine Camilleri, l-ahwa kollha nkluz l-attrici qasmu l-flus tad-decuius minghajr ma sar l-ebda accenn ghal xi talba dwar servigi. Saret ukoll id-denunzja tal-proprjeta' ta' Josephine Camilleri fejn ukoll ma sar l-ebda accenn ghas-servigi. Il-konvenuti jsostnu li f'dak iz-zmien l-attrici Maria Vella inghatat il-vettura tad-decuius u jsostnu li dan kien a sodisfazzjon ta' dak li ghamlet mal-attrici izda rrizulta car mix-xhieda ta' Lewis Camilleri kif ukoll mill-kontro-ezamijiet tal-konvenuti li mhux minnu li sar xi kliem dwar is-servigi fir-rigward tal-vettura. Kien Lewis Camilleri stess li ssugerixxa li l-vettura, li kienet tas-sena 1993 u ghalhekk il-valur taghha ma setax kien wisq kbir erbatax-il sena wara (madwar Lm400), li flok tithalla fil-garaxx minghajr ma tintuza u tispicca tinghata lil Maria Vella stante li kienet l-unika wahda li tirrisjedi f'Ghawdex u Maria Vella accettat l-istess vettura. Kienet l-istess nutar li rredigiet id-dikjarazzjoni cioe' n-Nutar Maria Vella Magro li ma kkonfermatx il-versjoni tal-konvenuta dwar ghalfejn ghaddiet il-vettura ghand l-attrici. Il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat lilha li l-vettura ghaddiet ghand Maria Vella l-attrici bhala hlas tal-kumpens dovut ghas-servigi izda unikament ghaliex il-konvenuti l-ohra ma raw l-ebda uzu ghaliha da parti taghhom;

13. Jirrizulta li kien fil-mument li l-partijiet waslu ghad-divizjoni tal-prorpjeta' li l-atturi qajmu l-kwistjoni dwar is-servigi u dan kien fis-sena 2011. Il-Qorti tqis li dan jaghmel sens ghar-raguni li l-atturi, almenu fir-ragunament taghhom, kienu qed jorbtu l-kwistjoni tal-hlas ta' servigi

mal-proprjeta' ghaliex kien sar kliem bejn l-attrici u ohtha fir-rigward tal-proprjeta'. Fir-rigward tal-mument li nqasmu l-flus tad-decuius li kien ftit wara mewta ghandu jinghad li ma rrizultax kemm kien hemm flus tad-decujus, izda l-Qorti qed tqis li l-fatt li hija kienet ilha zmien twil ma tidhol ghax-xoghol probabbilment ifisser li ma kienx hemm wisq u allura l-atturi ma qaghdux jintilfu fuq il-kwistjoni tas-servigi meta nqasmu l-flus la darba f'mohhhom kellhom il-valur tal-proprjeta' sabiex jigu kumpensati;

14. Irrizulta mill-atti wkoll li l-konvenuti kollha f'xi mument jew iehor fl-atti jammettu li l-atturi ghamlu ferm aktar ma' Josephine Camilleri minnhom. Jammettu wkoll li kien hemm zmien fejn kien hemm diskussjonijiet sabiex l-atturi jinghataw is-somma ta' madwar hdax-il elf Euro sabiex jirrikonoxxu dak li ghamlu aktar mad-decujus izda lkoll jaqblu li stante li l-atturi ma riedux jistennew li tinbiegh il-proprjeta' qabel jithallsu allura d-diskussjonijiet waqfu hemm. Mhux car jekk dawn id-diskussjonijiet sarux qabel il-kawza jew wara li nfethet il-kawza jew it-tnejn, stante li xhud partikolari u cioe' Charles Busuttil ir-ragel tal-konvenuta Rena Busuttil jsostni fil-kontro-ezami tieghu li dawn id-diskussjonijiet saru qabel il-kawza. Mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti Louis Camilleri u Belinja Xerri jirrizulta li d-diskussjonijiet kienu ghaddejjin qabel anki hgaliex isostnu li l-atturi kienu qed jitolbu somma ezorbitanti. Anki l-konenuta l-ohra Rena Busuttil issotni fl-eccezzjonijiet li kien hemm diskussjonijiet ghaddejjin. Huwa biss fl-atti tal-kawza li l-konvenuti jibdew jinsistu li dawn id-diskussjonijiet li fi kwalunkwe kas skond huma saru minghajr pregudizzju, saru wara li nfethet il-kawza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi kollha prodotti u mill-analizi suesposta, din il-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li l-atturi Francis u martu Maria Vella rrendew servigi lil Josephine Camilleri kif deskritti hawn fuq. Fir-rigward ta' Rena Busuttil l-Qorti tqis li din ukoll rendiet xi servigi billi kienet involuta kemmxejn aktar minn hutha l-ohra l-konvenuti izda fi kliemha stess hija dan qatt ma ghamlitu b'intenzjoni li tithallas u fil-fatt mihiex qed tipretendi hlas. Il-Qorti tqis li dak li ghamlu l-konvenuti kollha flimkien mal-mejta Josephine Camilleri ghandu jitqies bhala ekwivalenti u jpatti ghal dak li l-atturi ghamlu mal-istess tul iz-zmien li hija nhakmet l-ewwel darba bil-marda tal-kancer fis-sena 2004. Tqis ukoll li l-fatt li f'perjodu ta' kwazi sentejn wara l-

ewwel marda l-atturi ma talbu xejn lil Josephine Camilleri bhala kumpens huwa evidenza tal-fatt li sa' dak il-mument dak li kienu ghamlu maghha huma ma kienux qed jipretendu xi hlas dwaru.

Illi izda l-Qorti tqis li s-servigi rezi mill-atturi Francis u martu Maria Vella meta Josephine Camilleri regghet giet mahkuma mill-marda fl-ahhar xhur tas-sena 2006 tant kienu oneruzi fis-sens ta' granet shah ammontanti b'kollox ghal xhur shah (jekk wiehed jghaqqadhom) li huma ddedikaw darhom, hinhom, ir-rizorsi taghhom u tista' tghid hajjithom sabiex jizguraw li Josephine Camilleri ma jonqosha xejn, li dan certament ghandu jimmilita favur it-tezi taghhom li dan kollu kienu qed jaghmluh bl-intenzjoni li jigu kkumpensati ghalih. Dan anki jekk l-atturi kienu zammew lura milli jitolbu lil Josephine Camilleri sabiex tirrikonoxxi dan bil-miktub almenu f'testment, bir-raguni tkun li Josephine Camilleri mhux neccessarjemnt kienet taf li t-tieni darba l-marda kienet terminali. Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghad-decizjonijiet kif kwotati mill-abbli difensur tal-atturi kif isegwi:

*'Fil-kawza deciza fit-3 ta' Ottubru 1935 minn din il-Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet* ***Mifsud vs Briffa*** *inghad:*

*"... anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza tal-kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela".*

*"Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta' hlas. Fis-sentenza deciza fil-25 ta' April 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef R. Pace) fl-ismijiet Caruana vs Mallia (Kollez. Vol: LXXXVI.iii.174) gie konfermat li kull servigi, ukoll moghtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu nghataw bit-tama ta' kumpens jew hlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi nghata bla hsieb ta' kumpens jew hlas (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Tonio Malllia) tal-11 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius*).'

L-istess konvenuti rapprezentati minn Dr. Angele Formosa fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jrrikonoxxu illi:

*"Il-prezunzjoni tan-non gratuwità fil-gurisprudenza anterjuri giet sostitwita bil-prezunzjoni kuntrarja fil-kaz ta' servigi prestati bejn parenti, fejn s-servigi gew ritenuti bhala prestati 'familiaritatis causa'. Imma fil-gurisprudenza aktar recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita sija pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela (P.A. 3.10.1935 'Mifsud vs Briffa; 12.12. 1935 ' Farrugia vs Caruana')."*

Fir-rigward ta' ulied l-atturi l-Qorti izda ma tqisx li tressqu bizzejjed provi da parti taghhom li jevidenzjaw li huma wahedhom rrendew servigi lill-mejta Josephine Camilleri.

**L-eccezzjonijiet preliminari:**

Il-preskrizzjoni:

Il-konvenuti kollha jqajjmu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu tal-artikolu 2156 (f ) u cioe' l-perjodu ta' hames snin. Jirrizulta li l-ewwel ittra ufficcjali giet notifikata lill-konvenuti f'Awwisu tas-sena 2011. Jekk wiehed imur lura hames snin allura jasal ghal Awissu tas-sena 2006. Huwa appuntu wara dan il-perjodu cioe' f'Ottubru, 2006 li regghet fegget il-marda ta' Josephine Camilleri li wasslitha ghall-mewt taghha f'Settembru, 2007. Kien appuntu wara dan il-perjodu li l-atturi regghu intefghu b'ruhom, gisimhom u hinhom jiehdu hsieb lil Josephine Camilleri f'dak kollu li kellha bzonn sad-data tal-mewt taghha. Dan il-perjodu ghalhekk certament mhux milqut bil-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti tant li dan huwa anki ammess mill-konvenuti fin-noti taghhom.

Illi l-Qorti stess qieset aktar 'il fuq li dak li sar fl-2004 ma ghandux jitqies ghall-fini ta' kalkolu ta' servigi u ghalhekk ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre fuq din l-eccezzjoni. Issemmi izda l-fatt li l-konvenuti kollha fl-eccezzjonijiet taghhom isostnu li fi kwalunkwe kaz l-atturi thallsu jew naqsu milli jindikaw il-pretensjonijiet taghhom, dawn huma eccezzjonijiet li jgibu fix-xejn u mhumiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti kollha.

L-eccezzjoni dwar ir-rapprezentanza tal-minuri Paola Marie Vella:

Il-Qorti gia ddikjarat li ma tqisx li tressqu bizzejjed provi dwar servigi rezi mill-ulied atturi u ghalhekk tqis li din l-eccezzjoni hija ghalhekk sorvolata.

**L-intempestivita' tal-proceduri:**

Jirrizulta mill-atti kif gia accennat aktar il-fuq li l-konvenuti kollha jaqblu li kienu qed isiru trattattivi u sahansitra kienu waslu ghall-ammont ta' madwar hdax-il elf Euro (€11,000) izda t-trattattivi waqfu fil-mument li l-konvenuti irrifjutaw li dawn jithallsu mmedjatament izda riedu li dawn jithallsu mal-bejgh tal-proprjeta'. Jirrizulta ghalhekk li l-atturi kellhom jaghzlu bejn li jistennew il-bejgh tal-proprjeta' li seta' jkun b'mod immedjat jew fit-tul jew jifthu l-kawza bl-isperanza li din taghti rimedju qabel il-bejgh. L-atturi ghazlu li jifthu l-kawza u l-Qorti ma tqisx li f'dawk ic-cirkustanzi l-proceduri kienu intempestivi. Ghalhekk il-Qorti ser tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**Mertu:**

Illi fil-mertu l-Qorti gia ddikjarat li tqis li l-atturi rrendew servigi konsiderevoli lil Josephine Camilleri tul l-ahhar xhur tas-sena 2006 u sad-data tal-mewt taghha lejn l-ahhar ta' Settembru, 2006. Jonqos biss li jigi kwantifikat il-valur tas-servigi rezi. F'dan il-kuntest l-atturi fis-sottomissjonijiet taghhom isostnu kif isegwi:

*'Hemm diversi kriterji li l-Qrati taghna hadu in konsiderazzjoni meta gew biex jistabbilixxu likwidazzjoni ta' kumpens dovut (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il- Qorti diversament presjeduta, Imhallef G. Valenzia,deciza fil-31 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe et; u sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismjiet Vassallo vs Aquilina, deciza fid-29 ta' Gunju 1982):*

*"(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mghejjuna;*
*"(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;*
*"(iii) in-natura tas-servigi maghmula;*

*"(iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;*
*"(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;*
*"(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;*
*"(vii) il-mezzi tal-persuna li ibbenefikat mill-prestazzjonijiet*

*Illi infatti fuq l-mezzi tal-persuna li bbenefikat mis-servigi rezi mill-atturi, mhux biss giet prezentata d-dikjarazzjoni causa mortis tal-istess Josephine Camilleri, izda anke zewg stejjem tal-propjeta li kellha. Infatti skond id-dikjarazzjoni causa mortis l propjeta kellha valur ta' € 171, 208.94) filwaqt li skond l-istima tal-perit Borg kellha valur ta' € 375,000 u skond l-istima tal-Perit Micallef € 330,000 u dan skond valuri tas-sena 2011. Ghalhekk illum jekk wiehed jiehu l-medja taz-zewg stejjem jasal ghal valur ta' madwar tlett mija u hamsin elf ewro (€ 350,000). L-intenzjoni ta' Josephine kienet li l-atturi jithallsu ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu maghha u gie pruvat li hija kienet rikonoxxenti lejhom. Ghaldaqstant u meta Josephine sabet appuntu lil atturi meta kellha bzonn, huwa xieraq li huma jigu kkumpensati b'ammont gust li jiehu in kunsiderazzjoni l–valur tal-assi li kellha.'*

L-atturi izda ma jidhlux f'ezercizzju huma stess sabiex jindikaw permezz ta' prospett dak li qed jipretendu bhala kumpens ghalkemm ir-referenza taghhom ghall-vallur tal-proprjeta' tad-decujus taghmilha cara li l-pretensjoni taghhom mihiex wahda zghira.

Da parti taghhom l-konvenuti jsostnu li l-kumpens jekk moghti ghandu jkun wiehed minimu u li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-attrici gia rceviet il-vettura bhala hlas in parte. Il-Qorti gia aktar 'il fuq ikkonkludiet li l-allegazzjoni li l-vettura nghatat bhala parti mill-hlas ghas-servigi/jew li giet accettata a saldu bl-ebda mod ma giet pruvata. Dr. Angele Formosa tikkwota wkoll decizjoni kif isegwi:

*'F'sentenza l-aktar ricenti tal-Qorti tal-Appell, il-Qorti wara li kkunsidrat diversi elementi sabet li s-servigi rezi kienu estensivi u rriteniet li a bazi ta' dan Il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; Il-mezzi tal-persuna li benefikat mill-prestazzjonijiet; u l-parentela ta' dawk li rrendew is-servigi mal-persuna li rceviet isservigi resi. Illi f'dan il-kaz meta s-servigi inghataw b'mod kontinwu lil persuna bed ridden u totalment dependent fuqhom ghal perjodu ta' tliet snin, akkordat b'mod generuz is-somma ta' €70 kull persuna ghal kull gimgha lil*

*tnejn minn nies. (**Francis Mizzi et vs Roseann Galea et, deciza t-2 ta' Mejju 2016, il-Qorti tal-Appell.**)'*

Sta ghalhekk ghal din il-Qorti li b'xi mod tikkalkula l-valur tas-servigi rezi mill-atturi Frank Vella u Maria Assunta Vella. Il-Qorti ser tqis dawn is-servigi bhala moghtija konguntivement bejniethom stante li lanqas tpoggiet f'posizzjoni li tiddistingwi bejn dak li effettivament ghamel attur u x'ghamlet l-attrici l-ohra u wkoll ghaliex bosta mis-servigi kienu jsiru flimkien bhal per ezempju meta kienu jakkumpanjaw lil Josephine Camilleri ghat-terapija jew jordqu l-isptar.

Fl-atti gew prezentati dokumentazzjoni relattivi ghall-hlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma f'isem il-mejta. Il-konvenuti jammettu li dawn ghandhom jithallsu lill-atturi (fol. 104 sa 115). Dawn jammontaw ghas-somma ta' €470.34 liema somma ghandha tithallas fi tlett terzi minnha mill-konvenuti lill-atturi u tammonta ghal €352.75. Il-kwart l-iehor huwa responsabbilta' tal-istess attrici li hija wkoll eredi. lill-atturi wara li titnaqqas pro rata mill-eredita' tal-mejta.

Jekk jirrizulta li hemm kontijiet ohra li thallsu mill-atturi dawn ukoll ghandhom jithallsu lill-atturi kif hawn fuq ordnat.

Illi ghal dak li huma servigi veru u proprju jirrizulta li l-marda regghet fegghet f'Ottubru tas-sena 2006 u Josephine Camilleri giet nieqsa fl-ahhar ta' Settembru, 2007. Ghalkemm hija ma kinitx tirrisjedi tul il-perjodu kollu mal-atturi, l-atturi xorta kienu jiqbghu irendu s-servigi taghhom meta hija kienet tghix fid-dar taghha. Jista' izda jigu eskluzi l-perjodu ta' tmien gimgha li kienet tirrisjedi maghha ohtha Belinja ghir ghal dak li huwa trattament f'Malta fejn xorta wahda din twasslet mill-atturi. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel kalkolu aprossimattiv tan-numru ta' xhur fejn gew rezi s-servigi lid-decujus ghal perjodu ta' disa' xhur sal-mewt taghha. F'dan il-perjodu l-atturi fost ohrjan provdew id-dar taghhom ghalkemm mhux b'mod kontinwu, ikel u affarijiet ohra neccessarji ta' kuljum, haslulha l-hwejjeg u taw hin ta' attenzjoni mal-marida, wassluha fejn kien ikollha bzonn fosthom Malta meta kien ikollha l-kura u dan apparti servigi kif ahjar deskritti aktar il-fuq u fl-atti. Kienu wkoll johrogu lil Josephine Camilleri bil-karozza meta din kienet tkun f'kundizzjoni li taghmel hekk. L-attrici da parti taghha kellha tirrifjuta promozzjoni li izda ma gietx ikwantifikat it-telf minnha u l-attur tilef xi xoghol 'part-time' li wkoll ma giex kwantifikat.

In vista ta' dak kollu suespost, l-Qorti tqis li l-atturi, bejniethom, in vista wkoll tal-parentela stretta bejnhom u l-mejta u tenut kont ukoll tal-proprjeta' li hija kellha, ghandhom jithallsu servigi ta' erbghin Euro (€40) kuljum ghall-perjodu ta' disa' xhur li kif inghad huwa kalkolu approssimattiv li qed taghmel dan il-Qorti ai fini ta' kwantifikazzjoni. Is-somma ta' erbghin Euro (€40) multiplikata b'perjodu ta' mitejn u sebghin gurnata (kalkolu approssimattiv ta' 9 xhur x 30) twassal ghas-somma ta' ghaxart elef u tmien mitt Euro (€10,800). Minn din is-somma izda ghandu jitnaqqas pro rata dik il-parti li ghaliha hija responsabbli l-attrici stess bhala eredi tal-istess Josephine Camilleri. Ghalhekk is-somma trid tigi diviza f'erbgha b'dana li l-ammont li jibqa pagabbli mill-konvenuti huwa dak ta' (€10,800 diviz f'4 multiplikat bi 3) , tmint elef u mitt Euro (€8,100).

Il-Qorti tqis li, in vista tal-gurisprudenza kkwotata mill-konvenuti applikabbli ghall-kaz u anki mill-atturi stess, l-atturi mhumiex gjustifikati li jitolbu ammont ta' hlas ta' servigi fil-valur sahansitra ta' appartament minn blokka jew parti ohra mill-istess proprjeta' tad-decujus kif tidher li kienet l-intenzjoni taghhom f'partijiet tal-atti.

**Decizjoni**

Il-Qorti ghar-ragunijet kollha suesposti, qed taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imqajjma fit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Rena Busuttil u tal-konvenuti l-ohra fir-risposta ulterjuri taghhom;

2. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Rena Busuttil bhala sorvolata;

3. Tichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuta Rena Busuttil;

4. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

(i) Tiddikjara li l-atturi Francis u Maria Assunta Vella rrendew servigi, kuri u assistenzi lil Josephine Camilleri qabel il-mewt taghha filwaqt li tichad it-talba fir-rigward tal-atturi l-ohra;

(ii) Tillikwida s-somma totali ta' hdax-il elf, mitejn u sebghin Euro u erbgha u tletin centezmu (€11,270.34) bhala s-somma li jidrilha gusta bhala kumpens ghall-kuri u assistenzi rezi mill-atturi lid-decuius Josephine Camilleri nkluz dik il-parti pro-rata dovuta mill-istess attrici bhala eredi tal-istess Josephine Camilleri u nkluz il-flus li thallsu ghas-servizzi tad-dawl u ilma fil-proprjeta' tad-decuius;

(iii) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' tmint elef, erba' mija u tnejn u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€8,452.75) rapprezentanti tliet kwarti mis-somma totali likwidata (stante li l-attrici hija wkoll eredi ta' kwart tal-eredita' u l-konvenuti eredi fil-bqija), bl-imghax skont il-ligi mid-data ta' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju, 2011 kontra l-konvenuti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Regisratur